MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 576/2014

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Philip Borg Manche` datat 30 ta' Gunju 2014 fejn espona: -

llli r-rikorrenti huwa proprjetarju ta' hames partijiet minn tmienja tal-fond 109, Venus, Triq Manuel de Vilhena, Gzira li kienet id-dar konjugali u mixtrija matul iz-zwieg tieghu ma' martu Rita li mietet fil-15 ta' Mazu

1993 u bit-testment *unica* taghha mar-rikorrenti quddiem in-Nutar George Cassar fid-29 ta' Novembru 1979.

Halliet lir-rikorrenti l-kwart indiviz ta' sehemha kif ukoll l-uzufrutt tal-kumplament ta' sehemha fl-imsemmija dar kollox kif indikat fl-imsemmi testment li qed jigi hawn anness u mmarkat Dokument A.

Illi ghal diversi snin wara l-mewt ta' martu l-esponenti baqa' jghix fl-imsemmija dar flimkien mat-tlett uliedu wiehed minnhom l-intimat sakemm f'dawn l-ahhar snin cirka tmien snin ilu l-intimat beda juri aggressjoni kemm mal-esponenti kif ukoll maz-zewg hutu l-ohra liema aggressjoni gieli anke ssarfet fi vjolenza fizika u morali tant illi l-esponenti flimkien maz-zewg uliedu l-ohra kienu kostretti jfittxu residenza alternattiva biex l-affarijiet ma jmorrux ghal aghar.

Illi ghalkemm l-esponenti pprova kemm felah f'dawn l-ahhar snin sabiex jiehu lura f' idejh il-pusses tal-fond imsemmi kif ghandu dritt jaghmel billi l-intimat qed jokkupa l-istess fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi, u sahansitra anke kkaguna diversi hsarat fil-fond kollox kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghaldaqstant u *in vista* tal-premess u *ai termini* tal-Artikolu 167 (1b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u filwaqt li l-esponenti jiddikjara illi fil-fehma tieghu l-intimat m'ghandu l-ebda eccezzjoni x'jissolleva ghat-talbiet tar-rikorrenti u previa d-dispensa tas-smigh tal-kawza *in vista* tal-fatti fuq esposti u *in vista* wkoll tad-dikjarazzjoni annessa ma' dan ir-rikors m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat qieghed jokkupa l-fond 109, Venus, Triq Manuel de Vilhena, Gzira minghajr ebda titolu validu fil-Ligi mhux biss in foza tat-testment dokument A hawn anness izda ukoll *ai termini* tal-Artikoli 631 sa 639 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Konsegwentement tipprefiggi zmien qasir u perentorju sabiex l-intimat jizgumbra mill-fond imsemmi u taghti jekk ikun il-kaz kull provvediment li jidhrilha sabiex l-Ordni taghha tigi ezegwita skont il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kull dritt spettanti lill-esponenti kontra l-intimat ghal kumpens ghal dak il-perjodu kollu li huwa b'mod abbuziv u illegali okkupa d-dar kif ukoll ghal kull azzjoni ohra kontra l-intimat inkluza azzjoni ghad-danni li huwa kkaguna fl-imsemmi fond u fil-mobbli li jinsabu jew li kienu jinsabu fl-istess fond mid-data tal-mewt ta' mart l-esponenti Rita Borg Manche' nee' Sciberras sad-data ta' meta l-fond in kwistjoni flimkien mal-mobbli li kienu u/jew ghandhom jinsabu fih jigu rritornati fiul-pussess tal-esponenti.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta’ Lulju 2014.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Lulju 2014 fejn ordnat li billi l-kawza kienet ser tigi differita ghal wara l-ferjat estivi, ghalhekk il-kawza ma kellhiex titkompla bil-procedura tal-gilljottina izda bil-procedura normali u ordnat in-notifika tad-digriet flimkien mar-rikors promotur lill-intimat b’ghoxrin (20) gurnata biex iwiegeb.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-25 ta’ Novembru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehru deher Dr Kenneth Grima ghar-rikorrent prezenti. Billi irrizulta li l-intimat hu kontumaci *stante* li l-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni giet debitament kompletata, u ghadda t-terminu previst mil-ligi, il-Qorti wara li rat l-Art 158 (10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, akkordat hmistax-il jum lill-intimat sabiex jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu u ddifferiet l-kawza ghas-sentenza ghall-15 ta' Jannar 2015.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta’ din il-kawza, l-attur li hu sid kwantu ghas-sehem indiviz ta’ hames partijiet minn tmienja (5/8) u uzufruttwarju tar-rimanenti sehem mill-fond in mertu, qed jitlob l-izgumbrament mill-istess ta’ ibnu Conrad Borg Manche` billi qed jokkupah minghajr titlu validu fil-ligi.

In sostenn tat-talbiet tieghu l-attur esebixxa kopja tat-testment *unica charta* bejnu u martu datat id-29 ta’ Novembru 1979 (**DOK A)** ippubblikat minn Nutar Dottor George Cassar, fejn hallew lil xulxin in pjena proprjeta` l-kwart (1/4) parti mill-gid ereditarju tal-premorjent fosthom u l-uzufrutt generali tal-beni kollha taghhom.

Illi l-attur ikkonferma bil-gurament li apparti dan is-sehem jippossjedi n-nofs (1/2) indiviz tal-fond, gja d-dar matrimonjali tieghu u ta’ martu premorjenti, *stante* li nxtara fiz-zwieg taghhom.

L-intimat debitament notifikat bl-affissjoni fit-28 ta’ Awissu 2014[1], bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit-12 ta’ Settembru 2014[2] u f’gazzetta lokali fid-19 ta’ Settembru 2014[3] naqas iwiegeb ghat-talbiet attrici jew iressaq is-sottomissjonijiet tieghu skont il-Ligi fit-terminu lilu moghti.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt**

Ikkonsidrat qabel xejn li ghalkemm il-konvenut hu kontumaci ir-rikorrent xorta ghandu jipprova il-kaz tieghu. "*Hu pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni*” (**“Charles Saliba vs Salvu Borg”** – Appell 27-6-1997) u “*skont kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f’ certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabbilixxi l-verita` tal-fatti*” (**“Ruth Apap vs Noel Apap”** – P.A. FDP 30-6-1995).

Fil-kaz odjern il-Qorti hija soddisfatta li l-attur ipprova t-titlu tieghu fuq il-fond in kwistjoni kif premess fir-rikors minnu guramentat u sorrett ukoll mit-testment *unica charta* esebit bhala **DOK A** mar-rikors guramentat u ghalhekk it-talbiet tieghu ghandhom jigu akkolti.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici billi :-

[1] Fol.14 *a tergo*
[2] Fol.20
[3] Fol.15

1. **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat qieghed jokkupa l-fond 109, Venus, Triq Manuel de Vilhena, Gzira minghajr ebda titolu validu fil-Ligi;

2. **Tilqa' t-tieni talba attrici** u konsegwentement tordna lill-intimat jizgumbra mill-fond imsemmi fiz-zmien perentorju ta' xahar millum.

L-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------